# Eżami tad-Dħul fl-Ewwel Klassi tal-Junior Lyceum 2005

# Studji Soċjali

# Ir-Rapport ta' l-Eżaminatur Ewlieni

**Daħla**

L-eżaminaturi qagħdu attenti ħafna li jagħmlu karta ta' l-eżami bbilanċjata u li tkun aċċessibli għall-kandidati kollha. Għalhekk

- Saru żewġ verzjonijiet ta' l-istess karta, waħda bil-Malti u l-oħra bl-ilsien Ingliż.
- Saret verżjoni b'ittri akbar għat-tfal xi ftit neqsin mid-dawl u saru modifikazzjonijiet oħra għal kandidati bi bżonnijiet speċjali.
- It-tqassim tal-karta saret b'attenzjoni kbira biex l-istampi u l-mapep ikunu kbar biżżejjed u ċari.
- L-eżaminaturi ħadu ħsieb li fil-mistoqsijiet ma jkunx hemm diskriminazzjoni ta' ġendru, arja ġeografika, eċċ.
- L-eżaminaturi ħadu ħsieb biex iqassmu l-marki tajjeb fuq kull settur tas-sillabu, jiġifieri l-ambjent ġeografiku, dak soċjali u dak storiku.
- L-eżaminaturi ħadu ħsieb li jqassmu l-marki fi tliet livelli differenti, jiġifieri xi mistoqsijiet kienu ta' livell ħafif, oħrajn ta' toqol medju waqt li oħrajn kienu ta' livell xi ftit tqil.
- L-eżaminaturi fasslu l-karta b'mod li jassessjaw kompetenzi differenti li jinġabru taħt għerf, fehma u ħiliet, u attitudnijiet.

*Minn dan l-eżami għaddew 82% tal-kandidati.*

**Kummenti dwar Kull Taħriġ**

L-għalliema u l-ġenituri li jaqraw sewwa dan ir-rapport għandhom jieħdu nota ta' żbalji komuni biex dawn jiġu evitati fil-futur.

**Taħriġ A**

F'dan it-taħriġ ma kienx hemm diffikultajiet kbar għall-kandidati. Kellhom jaqraw, jifhmu u jagħżlu l-kelma t-tajba mill-kliem ipprovdut. Kien maħsub mill-eżaminaturi biex inissel kuraġġ u kunfidenza fil-kandidati biex b'hekk ikomplu l-eżami mingħajr biża' u tensjoni. Il-maġġoranza assoluta tal-kandidati wieġbu b'mod tajjeb dan it-taħriġ li kien ikopri l-aspett ta' tagħrif. Kienu biss il-kandidati batuti ħafna li tfixxlu xi ftit. Dawn biddlu t-tweġibiet ta' mistoqsija 1 ma' ta' 8 u ta' mistoqsija 2 ma ta' 5. Numru ikbar tal-kandidati ma fehmux id-differenza bejn *xogħol voluntarju* (tweġiba għal mistoqsija 3) u *xogħol speċjalizzat* (tweġiba għal mistoqsija 4) u għalhekk ħawdu t-tweġibiet tagħhom.

**Taħriġ B**

Dan it-taħriġ kien marbut mar-ritratt ta' bini mwaqqa' fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Bħall-ewwel taħriġ dan kien okkazzjoni oħra għall-kandidati biex inisslu kuraġġ u kunfidenza fihom infushom. Tista' tgħid li l-maġġoranza ta' l-istudenti kienu jafu jwieġbu sewwa dawn il-mistoqsijiet. L-uniċi diffikultajiet li ġew irreġistrati kienu f'mistoqsijiet 3 u 4.

**Taħriġ Ċ**

F'dan it-taħriġ l-istudenti riedu jimlew l-ismijiet tal-postijiet murija fuq mappa ta' Malta. Fl-istess ħin kien hemm tagħrif li jaqbel mal-post indikat. L-għajnuniet għenu lill-kandidati biex jagħrfu n-numru tal-lokalità għalkemm kien hemm numru tagħhom li ma tawx każ tat-tagħrif mogħti. Kien hemm numru żgħir ta' kandidati li ma fehmux eżatt x'kellhom jagħmlu u ma għamlu l-ebda relazzjoni bejn in-numru fuq il-mappa u n-numru tal-mistoqsija. L-iktar żbalji komuni kienu li jirrispondu Mdina flok Rabat (mistoqsija numru 4) u Birgu flok Bormla (mistoqsija numru 5).

**Taħriġ D**

Il-kandidati sabu dan it-taħriġ xi ftit tqil. Dan l-eżerċizzju kien maqsum fi tliet partijiet. Fl-ewwel parti l-kandidati marru mhux ħażin għalkemm ftit kienu dawk li kienu jafu l-kelma 'sinagoga'. Ħafna mill-kandidati sabu t-tieni u t-tielet parti ta' dan it-taħriġ xi ftit diffiċli. Fit-tieni parti ħafna semmew idea waħda biss, *li kollha jemmnu f'Alla wieħed.* Mit-tweġibiet għat-tielet parti tal-mistoqsija deher ċar ħafna li l-kelma 'kultura' hi kunċett wisq diffiċli għall-istudenti ta' din l-età.

**Taħriġ E**

F'dan it-taħriġ il-kandidati kellhom isemmu l-ħames festi nazzjonali u jispjegaw l-importanza ta' waħda minnhom. Il-kandidati li studjaw kienu jafu jsemmu l-jiem nazzjonali kollha. Kien hemm iżda xi kandidati li semmew festi reliġjużi jew Jum il-Ħaddiem minflok jiem nazzjonali. Ħareġ ċar ukoll li ħafna mill-kandidati ma kinux jafu jesprimu ruħhom sew u għalhekk ma spjegawx sewwa l-importanza tal-festa magħżula. Kien hemm ukoll xi kandidati li biddlu Jum l-Indipendenza ma' Jum il-Ħelsien.

**Taħriġ F**

Din kien taħriġ biex jassessja l-kompetenza ta' l-istudenti dwar l-Assedju l-Kbir. Dan it-taħriġ kien marbut ma' tpinġija tal-fortifikazzjonijiet ewlenin ta' madwar il-Port il-Kbir fi żmien l-Assedju. Fl-ewwel parti l-kandidati kellhom isemmu xi postijiet jew fortifikazzjonijiet li jidhru fit-tpinġija. Xi ftit mill-kandidati semmew il-Belt Valletta li ma kinitx teżisti dak iż-żmien. Fit-tieni u t-tielet partijiet il-kandidati sabu xi diffikultajiet. Għat-tieni parti ħafna kitbu biss *biex jirbħu lil Malta* mingħajr ma spjegaw għaliex riedu jirbħuha. Fit-tielet parti kien hemm numru mhux ħażin tal-kandidati li semmew id-diffikultajiet, bl-aktar komuni jkunu *li kellhom l-ilma vvelenat, li miet Dragut, li s-swar kienu qawwija ħafna* u *li l-blat kien iebes wisq biex taqtgħu.*

**Taħriġ Ġ**

Fl-ewwel parti tat-taħriġ il-kandidati kellhom jiktbu l-ismijiet tal-kontinenti fil-post it-tajjeb. Jidher ċar li numru mhux ħażin tal-kandidati ma kellhomx idea ċara tal-pożizzjoni tal-kontinenti. Kien hemm ukoll xi kandidati li ma jafux id-differenza bejn il-pożizzjoni ta' l-Ewropa u l-Mediterran u għalhekk poġġew l-isem Ewropa fil-Baħar Mediterran. Minkejja li ħafna mill-kandidati wieġbu tajjeb fit-tieni parti tat-taħriġ, fit-tielet parti kien hemm ħafna li sabu diffikultajiet u numru mhux ħażin għażlu oċejani flok ibħra.

**Taħriġ G**

Dan it-taħriġ ipprova jassesja l-attitudnijiet tal-kandidati fejn huma japplikaw kunċetti soċjali għall-inċidenti reali. Jidher li numru mhux ħażin tal-kandidati ma jafux jaħsbu biżżejjed u li fl-iskejjel ma jsirux sitwazzjonijiet bħal dawn. Għalhekk dan ma kienx taħriġ ħafif. Xi kandidati ma tantx urew sens ta' kreatività u ħafna mit-tweġibiet kienu biss parzjalment tajba. Kien hemm it-tendenza wkoll li l-kandidati jagħtu tweġibiet negattivi eż. l-użu tal-kastig bħala tweġiba għall-ewwel mistoqsija. Fil-mistoqsija numru tlieta numru mdaqqas tal-kandidati ħalltu l-kelma kultura mar-reliġjon jew mal-lingwa.

**Taħriġ GĦ**

Minn dan it-taħriġ deher ċar li l-kandidati ma kellhomx il-ħila li japplikaw it-tagħrif li kellhom, u jbatu ħafna biex jagħtu l-interpretazzjoni tagħhom. Għalhekk dan l-eżerċizzju deher diffiċli għall-maġġoranza tal-kandidati. Ħafna minnhom tfixklu fl-ewwel mistoqsija ta' dan it-taħriġ u għalhekk ippruvaw jirrispondu billi jsemmu fatturi fiżiċi biss. Ftit mill-kandidati kienu jafu dwar Skorba, imma kien jidher ċar li oħrajn kellhom taħwida sħiħa fl-ismijiet tas-siti arkeoloġiċi. Ħafna mill-kandidati ma spjegawx sewwa it-tweġibiet tagħhom. Per eżempju semmew li nafu li Malta kienet magħquda ma' Sqallija *peress li f'Għar Dalam sibna fdalijiet ta' annimali* u waqfu hemm. Fl-aħħar mistoqsija tat-taħriġ kien hemm numru mhux ħażin tal-kandidati li semmew raġuni waħda biss għala l-belt Valletta nbniet fuq l-għolja Xiberras.

**Taħriġ H**

Jidher li dan it-taħriġ dwar il-klima jidher li ntlaqa' tajjeb mill-kandidati. Ftit kienu dawk li ma weġbux tajjeb. Jidher li fehmu sewwa l-elementi tat-temp għalkemm xi minn daqqiet irrispondew b'kelma waħda li mhux bilfors għamlet sens. Fil-mistoqsija numru 5 ħafna mill-kandidati ma kinux jafu jispjegaw ruħhom minkejja li dehru li kienu jafu t-tweġiba. Fil-mistoqsija numru 8 ħafna mill-kandidati tilfu l-marki għax minflok *Warda ta' l-Irjieħ* kitbu *Boxxla*.

**Taħriġ Ħ**

F'dan it-taħriġ il-kandidati semmew varjetà kbira ta' ħaddiema li jagħtu servizz, bl-aktar komuni jkunu l-għalliema, l-infermiera, it-tobba, id-dentisti, il-bejjiegħa tal-ħwienet u x-xufiera. Xi kandidati tilfu l-marki peress li bħala xogħlijiet li m'għadhomx wisq komuni semmew lill-bdiewa, sajjieda u r-raħħala. Biss il-maġġoranza tal-kandidati taw tweġiba tajba għal din il-mistoqsija u semmew lill-buttar, il-landier, il-kebbies tal-fanal, tal-ħalib, ta' l-ilma u oħrajn. Meta ġew biex jiktbu dwar l-importanza tax-xogħol xi kandidati irrepetew biss it-tagħrif li kien mogħti fis-silta mingħajr ma żiedu xejn. Oħrajn kitbu materjal li kien ippreparat minn qabel bl-amment. Xi wħud mill-kandidati elaboraw fuq idea waħda biss. Per eżempju kitbu dwar l-importanza li taqla' l-flus u mbagħad semmew biss dwar x'tista tagħmel bil-flus.

**Taħriġ I**

Jidher li l-kandidati kienu jafu sewwa l-istorja tan-nawfraġju ta' San Pawl. Madankollu jidher li fl-iskejjel mhux qegħdin jipprattikaw l-immaġinazzjoni imma qegħdin jiktbu fuq il-ġrajja biss. Xi kandidati tilfu l-marki peress li rrakkontaw fit-tul kif ġrat l-għarqa u taw deskrizzjoni tal-maltempata qalila li laqtet lill-ġifen, imma ftit li xejn kitbu x'ġara wara kif fil-fatt kienet titlob il-mistoqsija. Il-maġġoranza tal-kandidati rrakkontaw dwar il-ħuġġieġa, kif il-lifgħa telgħet m'id Pawlu, kif ħasbuh qattiel u kif wara biddlu l-ħsieb meta raw li ma ġralu xejn. Ftit kienu l-kandidati li kitbu x'ħassew matul din il-ġrajja.

**Taħriġ J**

Dan it-taħriġ ta l-opportunità lill-kandidati biex juri x'jafu fuq wieħed minn żewġ temi ġeografiċi, il-biedja jew il-fabbriki. Dwar il-biedja l-kandidati l-aktar li għafsu kien fuq il-problemi tal-bidwi, il-prodotti li jkabbar u kif tinqasam l-agrikoltura. Minn għażel il-mistoqsija l-oħra, minbarra li taw eżempji ta' fabbriki f'pajjiżna, spjegaw dwar l-importanza u l-ħtieġa li l-fabbriki jkunu 'l bogħod mill-abitat. Semmew u spjegaw x'inhuma oqsma industrijali u kitbu dwar il-materja prima, l-esportazzjoni u l-importazzjoni. Madankollu wieħed jieħu l-impressjoni li xi kitba kienet xogħol li ġie studjat bl-amment. F'xi każi oħra kien hemm wisq repetizzjonijiet fis-sentenzi.

**Kummenti dwar studju u tagħlim**

- L-għalliema għandhom joqogħdu attenti li ma jippreparawx lill-istudenti tagħhom b'ħafna studju bl-amment iżda li jiżviluppaw fihom il-ħiliet neċessarji biex jirraġunaw u jsolvu kwalunkwe problema li jistgħu jiltaqgħu magħha. Dan jista jsir billi t-tagħlim ma jkunx ibbażat biss fuq għotja ta' informazzjoni iżda billi ssir diskussjoni kontinwa u ħajja fil-klassi. B'hekk l-istudenti jkunu qegħdin jifhmu aħjar u jkunu f'pożizzjoni aħjar li jirrispondu tajjeb u b'mod relevanti fl-eżamijiet.

- Biex is-sillabu ta' l-istudju soċjali jidher iżjed ħaj, l-għalliema għandhom jorganizzaw żjarat u ħarġiet marbutin mat-temi storiċi, soċjali u ġeografiċi li jidhru fis-sillabu. Din l-esperjenza personali tkun mingħajr dubju utli ħafna għalihom u tagħtihom il-kuraġġ li jiffaċċjaw kwalunkwe taħriġ dwar dawn it-temi.

- L-għalliema għandhom ukoll jippreparaw aħjar lill-istudenti biex jiktbu iżjed tajjeb u b'mod ippjanat meta jiktbu fit-tul. B'hekk l-istudenti jkunu jistgħu jesprimu ruħhom aħjar u ma jagħmlux wisq repetizzjonijiet fil-kitba tagħhom.

- Waqt l-eżami l-kandidati għandhom iħallu ħin biżżejjed biex fl-aħħar jirrevedu dak kollu li jkunu kitbu u jiċċekkjaw jekk irrispondewx il-mistoqsijiet kollha u jekk għamlux dan b'mod ċar.

- L-għalliema għandhom jgħinu lill-istudenti biex dawn isiru iżjed konxji ta' dak li huma jkunu mitluba jagħmlu f'kull taħriġ. Huwa importanti ħafna li waqt l-eżami l-istudenti ma jitilfux il-konċentrazzjoni, iżda jirrispondu dak li attwalment jiġu mitluba.

- B'dispjaċir wieħed jinnota li xi kandidati għandhom bżonn jirranġaw il-kalligrafija u l-ortografija tagħhom. Minkejja li dawn ma jiġux ippenalizzati fl-eżami, ikun tajjeb li l-istudenti jiġu ppreparati biex jiktbu aħjar u b'mod iżjed ċar. Dan jgħin biex il-kitba tagħhom tkun tista' tinqara sewwa.

**REFERENZA GĦAS-SILLABU**

| Taħriġ | Numru | Referenza Għas-Sillabu |
|---|---|---|
| A | 1 | AMBJENT UMAN 1.1 |
| | 2 | AMBJENT UMAN 2 |
| | 3 | AMBJENT UMAN 4 |
| | 4 | AMBJENT UMAN 4 |
| | 5 | AMBJENT UMAN 6.1 |
| | 6 | AMBJENT UMAN 5.1 |
| | 7 | AMBJENT UMAN 5.1 |
| | 8 | AMBJENT UMAN 3.4 |
| B | 1 | AMBJENT STORIKU 5.2 |
| | 2 | AMBJENT STORIKU 5.1 |
| | 3 | AMBJENT STORIKU 5.2 |
| | 4 | AMBJENT STORIKU 5.2 |
| | 5 | AMBJENT STORIKU 5.2 |
| | 6 | AMBJENT STORIKU 5.4 |
| Ċ | 1-8 | AMBJENT ĠEOGRAFIKU 1.3 u 1.4 |
| D | 1-3 | AMBJENT UMAN 2.1 |
| E | 1 | AMBJENT STORIKU 6 |
| | 2 | AMBJENT STORIKU 6 |
| F | 1 | AMBJENT STORIKU 3.2 |
| | 2 | AMBJENT STORIKU 3.1 |
| | 3 | AMBJENT STORIKU 3.4 |
| Ġ | 1 | AMBJENT ĠEOGRAFIKU 2.1 |
| | 2 | AMBJENT ĠEOGRAFIKU 2.3 |
| | 3 | AMBJENT ĠEOGRAFIKU 2.4 |
| G | 1 | AMBJENT UMAN 1.1 |
| | 2 | AMBJENT UMAN 3.3 |
| | 3 | AMBJENT UMAN 6.1 |
| GĦ | 1 | AMBJENT STORIKU 1.3 |
| | 2 | AMBJENT STORIKU 1.2 |
| | 3 | AMBJENT STORIKU 1.1 |
| | 4 | AMBJENT STORIKU 4.1 |
| H | 1 | AMBJENT ĠEOGRAFIKU 4.1 |
| | 2 | AMBJENT ĠEOGRAFIKU 4.2 |
| | 3 | AMBJENT ĠEOGRAFIKU 4.2 |
| | 4 | AMBJENT ĠEOGRAFIKU 4.3 |

| | | |
|---|---|---|
| | 5 | AMBJENT ĠEOGRAFIKU 4.3 |
| | 6 | AMBJENT ĠEOGRAFIKU 4.4 |
| | 7 | AMBJENT ĠEOGRAFIKU 4.4 |
| | 8 | AMBJENT ĠEOGRAFIKU 4.4 |
| Ħ | 1-4 | AMBJENT UMAN 4.1 |
| I | | AMBJENT STORIKU 2 |
| J | | AMBJENT ĠEOGRAFIKU 5 u 6. |

## NISĠA TA' SPEĊIFIKAZZJONI

| | Tip ta' Ambjent | | | Oġġettivi | | | Livell ta' Diffikultà | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Taħriġ** | **Uman** | **Storiku** | **Ġeografiku** | **Għerf** | **Fehma** | **Ħiliet u Attitudnijiet** | **Ħafif** | **Moderat** | **Tqil** |
| **A** | **8** | | | **5** | | **3** | **8** | | |
| **B** | | **6** | | **5** | | **1** | **6** | | |
| **Ċ** | | | **8** | **6** | | **2** | **6** | **2** | |
| **D** | **10** | | | **6** | **4** | | **2** | **4** | **4** |
| **E** | | **8** | | **5** | **3** | | **5** | **3** | |
| **F** | | **6** | | | **4** | **2** | **2** | **4** | |
| **Ġ** | | | **10** | | | **10** | | **6** | **4** |
| **G** | **6** | | | | | **6** | | **6** | |
| **GĦ** | | **8** | | **2** | **6** | | | **4** | **4** |
| **H** | | | **8** | **6** | **2** | | **4** | **2** | **2** |
| **Ħ** | **10** | | | **2** | **7** | **1** | **1** | **4** | **5** |
| **I** | | **6** | | | | **6** | | | **6** |
| **J** | | | **6** | | **6** | | | | **6** |
| **TOTAL** | **34** | **34** | **32** | **37** | **32** | **31** | **34** | **35** | **31** |